MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 757/2007

**Emanuel Barun**

**Vs**

**Charles Buhagiar u Maria Gili bhala garanti in solidum ghall-istess Charles Buhagiar u Angelo Buhagiar ghal kull interess li jista’ jkollu**.

F’din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ tlettax-il elf disgha mija u sitta u sebghin ewro (€13,976) minghand il-konvenuti, prezz ta’ vettura. L-attur ippremetta li dan id-dejn jirrizulta minn skrittura privata ffirmata fl-10 ta’ Awwissu 2005.

Il-konvenuti jopponu t-talba ghaliex isostnu li:-

i. Wara l-ftehim tal-10 ta' Awwissu 2005 kienet sehhet novazzjoni.
ii. L-ebda hlas mhu dovut.
iii. Maria Gili qatt ma accettat li tigarantixxi d-dejn ta' binha.
iv. Angelo Buhagiar hu totalment estranju ghall-ftehim.

Wara li l-qorti rat l-atti, m'ghandix dubju li:-

1. L-attur ma ressaqx provi li l-konvenuti Gili u Anthony Buhagiar huma b'xi mod responsabbli ghad-dejn li ghamel binhom Charles Buhagiar. L-iskrittura tal-10 ta' Awwissu 2005 hi ffirmata minn Barun u Charles Buhagiar. Il-fatt li Gili setghet kienet disposta li taghmilha ta' garanti ghad-dejn ta' binha, ma jfissirx li assumiet xi obbligazzjoni f'dan is-sens. L-affidavit li ghamel in-nutar Dr Joseph Lia, u prezentat mill-attur, hu fih innifsu konferma ta' dan. Min-naha l-ohra Anthony Buhagiar ma jissemma mkien u ma kellux x'jaqsam ma' dan in-negozju. Ghalhekk dawn il-konvenuti ser jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Ma tressqet l-ebda prova li sehhet xi novazzjoni bejn l-attur u Charles Buhagiar. Novazzjoni twassal ghal estinzjoni ta' obbligazzjoni u holqien ta' ohra. Fl-atti m'hemmx l-icken prova ta' dan.

3. Fl-iskrittura privata tal-10 ta' Awwissu 2005 jinghad li Charles Buhagiar hu debitur tal-attur fis-somma ta' tlettax-il elf disgha mija u sitta u sebghin ewro (€13,976). Ghalkemm Buhagiar xehed li mill-prezz ta' €18,634 kien hallas is-somma ta' €6,988, il-kelma tieghu m'hijiex bizzejjed. Dak li jirrizulta mill-iskrittura hu li hallas is-somma ta' €4,658, akkont tal-prezz. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-pagament kien iktar.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti Maria Gili u Angelo Buhagiar.**

**2. Tilqa' t-talba tal-attur in kwantu din tirreferi ghal Charles Buhagiar, u ghalhekk tikkundannah ihallas is-somma ta' tlettax-il elf disgha mija u sitta u sebghin ewro (€13,976). Bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Nofs l-ispejjez tal-konvenuti huma a karigu tal-attur peress li harrek tnejn min-nies bla bzonn, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez kollha l-ohra hu a karigu ta' Charles Buhagiar.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------